CIVILI - PRIM'AWLA

IMHALLEF

ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.

SEDUTA TAL-20 t'APRIL,2001.

Citazzjoni numru 460/01GC

Anna Antignolo ghan-nom ta' C & H Baretoli Ltd.

Vs.

Frank Cachia ghan-nom tal-Aden Import & Export Company Limited. DMS Trading.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attrici nomine wara li ppremettiet:-

Illi l-konvenut nomine ordna minghand il-kumpanija attrici "Zuris Batch Freezer" li kellha tigi konsenjata minnha (kif fil-fatt giet) lill-El Mahari Hotel, Tripli;

Illi l-konvenut nomine intrabat li ihallas il-prezz taghha fil-kaz li dan ma jithallas mill-imsemmi hotel kif jidher mid-Dok A hawn anness;

Illi l-attrici nomine ma thallsitx mill-imsemmi hotel u l-konvenut nomine meta gie interpellat biex ihallas, accetta li ghandu ihallas u li jiltaqa mal-kumpanija attrici ghal-dan l-iskop (Dok. B u C) izda fil-fatt sallum ghadu ma hallasx;

Illi s-somma dovuta bhala prezz tal-imsemmi freezer, flimkien mal-imghax sat-2 ta' Marzu, 2001, u l-ispejjes ta' itra ufficjali tal-1 ta' Awissu, 2000, tammonta ghal-hamest elef sitta u tmenin lira Maltin goxrin centezmu (Lm5086.20,0) kif jidhr mid-dokument hawn anness markat Dok D;

Illi l-kreditu tal-attrici nomine huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut nomine ma ghandu l-ebda difiza valida x'jaghti kontra it-talba tal-attrici nomine ;

Talbet ghalhekk lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. taghti is-sentenza taghha u tilqa it-talba tal-attrici nomine bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza u dana kif provdut fl-artikoli l67 sal-l70 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attrici nomine l-imsemmija somma ta' hamest elef sitta u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm5086.20) dovuta lilha mill-konvenut nomine kif fuq inghad ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid kontestwali u bl-imghax ta' 8% fis-sena mit-3 ta' Marzu, 2001 kontra il-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal- attrici nomine u id-dokumenti l-ohra;

Peress li il-konvenut nomine debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa kontumaci u fis-seduta tallum imsejjah tlett darbiet lanqas mad deher;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tal-attrici nomine kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenut nomine.

Imhallef

Dep. Registratur